



Brussell, 21 ta' Settembru 2021
(OR. en)

11906/21

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0044(NLE)

AVIATION 237
RELEX 772
COREE 3

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru – Adozzjoni

1. F'Ġunju 2003, il-Kummissjoni nġhatat mandat skont liema l-Kummissjoni tista' tiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Korea bil-ħsieb li ġġib il-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar l-avjazzjoni tal-Istati Membri mar-Repubblika tal-Korea f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Il-Ftehim ta' hawn fuq huwa r-riżultat tal-imsemmija negozjati.
2. Fil-21 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti tagħha għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (6820/19 u 6816/19 rispettivament).
3. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, ġiet adottata mill-Kunsill fl-24 ta' April 2020. Il-Ftehim ġie ffirmat fil-25 ta' Ġunju 2020, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

4. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fil-5 ta' Mejju 2020¹.
5. Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-15 ta' Settembru 2021.
6. Bil-ħsieb tat-tħejjija għall-konklużjoni tal-Ftehim, il-Coreper huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jadotta d-deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif tinsab fid-dokument tal-ġuristi lingwisti 5210/21.

¹ ĠU L 142, 5.5.2020, p. 1.

Dikjarazzjoni mill-Kunsill

Fir-rigward ta' ftehimiet simili dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru li diġà ġew konklużi ma' pajjiżi terzi oħra koperti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2003 li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju, huwa xieraq li l-Unjoni tikkonkludi waħedha l-Ftehim mar-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru. L-istess kunsiderazzjonijiet japplikaw fir-rigward ta' ftehimiet futuri simili sakemm jiġu konklużi skont dik id-Deċiżjoni u fil-limiti tagħha.

Din id-Deċiżjoni ma tikkostitwix preċedent fir-rigward tal-eżerċizzju tal-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha fir-rigward ta' kwalunkwe negozjati li għaddejjin jew futuri għal ftehimiet internazzjonali, jew l-iffirmar jew il-konklużjoni ta' tali ftehimiet, minbarra dawk imsemmija hawn fuq, u hija mingħajr preġudizzju għad-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.
